# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 20 ta' Gunju, 2002

Citazzjoni Numru: **1178/91TM**

Numru**:**

**Ivor u Kevin ahwa Zammit u Margaret Zammit, armla ta' John Zammit**

vs

**Michael, Adrian u Julian ahwa Zammit Tabona bhala Diretturi u in rapprezentanza ta' Fortel Services Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni presentata fit-18 ta' Ottubru, 1991 fejn ippremmettew illi l-atturi Ivor u Kevin Zammit huma l-eredi ta' John Zammit u Margaret Zammit, gia kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti, hija l-usufruttwarja ta' l-assi ta' John Zammit (Dok A);

Ippremettew illi John Zammit kien interpella lill-konvenuti nomine biex ihallsu s-somma ta’ LM1750 ghal sena cens tal-fond f’Tigne Sea Front, Sliema, bl-entratura bin-numru 58 liema cens kien dovut bil-quddiem u skada fl-20 ta’ Frar, 1990 skond il-kuntratt hawn esebit *animo ritirandi* Dok B;

Ippremettew illi l–konvenuti nomine baqghu ma hallsux u l-atturi bhala aventi kawza minnu ghadkom kredituri taghhom fl-istess somma ghall-istess cens;

Ippremettew illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti nomine biex ihallsu inutilment;

Talbu ghalhekk biex ighidu il-konvenuti nomine ghaliex m’ghandhomx jigu kkundannati minn din il-Qorti:

1) ihallsu lill-atturi s-somma ta’ elf seba’ mija u hamsin lira Maltin (LM1750) minnhom dovuti ghal sena cens fuq il-fond bl-entratura bin-numru 58, Tigne Sea Front, Sliema li ghalaq bil-quddiem fl-20 ta’ Frar, 1990;

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-22 ta’ Marzu, 1990 u bl-interessi kummercjali, bil-konvenuti mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepixxew:

1. Illi l-ammont mitlub mhux dovut stante li c-cens in kwistjoni gie mifdi;
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru, 1992, li in forza taghha cahdet it-talba attrici kif proposta b'riserva ghal kull azzjoni ohra in meritu tenut kont ta' dak li gie deciz u dan billi l-istess azzjoni hija rritwali.

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' L-Appell fis-6 ta' Marzu, 1966, li in forza taghha rrevokat is-sentenza appellata, iddikjarat li l-azzjoni attrici hija ritwali u rrimettiet l-atti quddiem din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni fil-meritu;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis-17 ta' Ottubru, 1997, u dik moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar, 2002, fil-kawza fl-istess ismijiet (citazzjoni numru 210/95) li in forza taghha c-cedola tad-depozitu u fidi ta' cens numru 196/90 fl-ismijiet Michael Zammit Tabona et vs John  Zammit giet dikjarata li ma tiswiex billi ma saritx bil-mod kif jipprovdi l-kuntratt ta' l-20 ta' Frar, 1979, fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino bejn is-socjeta' konvenuta u l-awtur ta' l-atturi.

Rat l-atti kollha  tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet id-Difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija talba ghall-hlas ta' sena cens fuq il-fond b'entratura bin-numru 58, Tigne Sea Front, Sliema, li ghalaq bil-quddiem fl-20 ta' Frar, 1990. Li c-cens kien impost u kien ghalaq, ma giex kontestat; l-uniku kontestazzjoni tal-konvenuti kienet li c-cens mhux dovut peress li c-cens, li kien wiehed perpetwu, kien gie mifdi b'Cedola ta' depozitu u fidi ta' cens numru 196/90.

L-atturi kkontestaw il-validita' ta' dik ic-Cedola fuq il-bazi li l-kuntratt originali ta' cens ma kienx jippermetti li c-cens jinfeda kollu f'daqqa, izda kien jinsisti li kull sena tista' tinfeda biss parti mic-cens. Din il-kontestazzjoni giet mistharrga f'kawza ohra bejn l-istess partijiet (dik bin-numru 210/95) u kemm din il-Qorti kif ukoll l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikkonfermaw li c-Cedola saret hazin u hi nulla ghax il-fidi ma sarx skond kif jiddisponi l-kuntratt. Il-Qorti qalet li meta kuntratt ighid li kull sena tista' tinfida biss parti mic-cens, ma jkunx, b'daqshekk, qieghed iccahhad id-dritt tal-fidwa, izda tkun biss tipposticipah. Din ma hix haga li l-ligi zzomm milli ssir.

Darba li gie deciz li c-Cedola immsemmija kienet nulla, isegwi li c-cens ghandu jithallas. Ma giet sollevata ebda eccezzjoni ohra ghaliex ic-cens dovut ghall-iskadenza indikata ma kellhix tithallas, u mill-atti jirrizulta, anzi, li dak ic-cens huwa dovut u ghandu jithallas.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi nomine is-somma ta' LM1,750 (elf, seba' mija u hamsin liri Maltin) rapprezentanti sena cens fuq il-fond u ghaz-zmien indikat, bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Marzu, 1990 (data

tan-notifika lill-konvenuti ta' l-ittra ufficcjali interpellatorja tat-22 ta' Marzu, 1990).

L-ispejjes kollha tal-kawza, hlief ghal dawk gia decizi, jithallsu mill-konvenuti nomine.

**IMHALLEF**

**D/REG**